# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 877/24TA**

**Degroma Trading Inc et**
**Vs**
**Bord ta' Sorveljanza Dwar Sanzjonijiet**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Degroma Trading Inc u Neriman Associates S. A (ir-rikorrenti) tat-30 ta' Jannar 2025.

Rat ir-risposta tal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (il-Bord konvenut) tal-14 ta' Frar 2025.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Rat li ir-rikors tħalla' għal digriet fil-miftuħ.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Bord sabiex din il-Qorti tordna lill-Bord jippreżenta ittra li d-ditta legali Ganado & Associates bagħtet lill-Bord datata 13 ta' Frar 2024.

Il-Qorti eżaminat ir-rikors ġuramentat u t-talbiet. L-ilment tar-rikorrenti huwa li meta l-intimat Bord ħa d-deċiżjoni dan għamlu mingħajr ma semgħu jew

taw opportunita' lis-Soċjetajiet rikorrenti jkunu mismuha. Issa mix-xhieda ta' Dr. Alessia Carbone, li tirrapreżenta lill-Bord, dan kien konsapevoli bl-eżistenza tar-rikorrenti u allura anke bl-interess li kellhom fil-vapuri inkwistjoni u l-bejgħ tagħhom (ara a' fol 182 *et sequens*).

It-talba prinċipali tar-rikorrenti hija ċarissima, abbażi tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Din il-parti tal-liġi hija maħsuba li deċiżjoni amministrattiva tkun dikjarata bla effett għalhekk imħassra jekk "*meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil.*"

Dwar dan l-artikolu intqal "*Illi l-ilment ewlieni tal-attur hu li, fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha, l-Awtorita' naqset li tisma' x'kellu xi jgħid qabel għaddiet għall-miżuri ta' sanzjoni meħudin kontrih. Fi kliem ieħor, l-attur jilminta minn ksur bi ħsara għalih ta' wieħed mill-prinċipji ewlenin ta' ħaqq naturali, jiġifieri l prinċipju ta' smigħ xieraq fl-audi et alteram partem. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-ħtieġa li tribunali jew awtoritajiet amministrativi jħarsu b'mod skrupluż it-tħaddin ta' dawn il-prinċipji hija waħda li m'għandux ikun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi biex wieħed japplikaha. It tħaris ta' dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t trasparenza u s-siwi tal-għamil amministrativ. Għall kuntrarju, in-nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-prinċipji jwassal għall-irritwalita' tal-għemejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom*" (Ara **Sentenza tal-App. Inf tad-19 ta' Mejju 2004 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Debono -vs Phonica Systems Ltd**);

Għalhekk li jrid jirriżulta lil din il-Qorti hu, jekk il-Bord kisirx il-komminazzjoni tal-artikolu inkwistjoni u ċioe' kisirx id-dritt ta' ġustizzja naturali tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi imsemmija minnhom fir-rikors promotur.

Għalhekk, ftit li xejn jiswa li din il-Qorti tkun taf bil-kontenut tal-ittra inkwistjoni. Kieku bħala fatt ma ħarġitx li l-Bord kien konsapevoli bl-eżistenza u l-interess tar-rikorrenti, forsi dik l-ittra kien ikollha rilevanza biex ikun skopert jekk l-eżistenza tar-rikorrenti ġietx a' konjizzjoni tal-Bord b'din l-ittra. Iżda dan mhux il-każ, għaliex kif rajna ħareġ ċar mix-xhieda, li l-Bord kien jaf bihom u b'dana kollu ħass li ma għandux jismagħhom. Il-Qorti tagħmilha ċara, li kieku kien hemm ħtieġa li din l-ittra li tkun esebita, ma kinitx tiddejjaq tordna l-esebizzjoni tagħha, anke jekk l-Att jgħid li l-

proċeduri quddiem il-Bord huma sigrieta. Il-ġustizzja ma tistax tkun vittma tas-segretezza komminata mil-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illum, 20 ta' Marzu 2025

**Onor. Imhallef Toni Abela LL.D.**